**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 08

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 09 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

8.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 07

8.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-seba’ laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

8.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

8.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Is-Sindku nforma li Infrastructure Malta qed tweħħel fir-raħal ħafna tabelli bi preparazzjoni għat-tarmac ġdid li ser issir fi Triq Annibale Preca, Triq Sir Ugo Mifsud u Triq is-Salvatur fil-bidu tas-sena 2020. Riċenti wkoll fi Triq Annibale Preca anke bdew xi xogħlijiet biex isir *culvert* tal-ilma. F’dan ir-rigward is-Sindku qal li l-kunsill ġibed l-attenzjoni ta’ Infrastructure Malta biex sakemm qed isir il-culvet it-triq tibqa fi stat tajjeb għaż-żmien tal-Milied u biex ma jkunx hemm tkissir tat-triq qabel ma jgħaddu l-festi.

8.3.2 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-għada 10 ta’ Diċembru 2019 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser imorru jiffirmaw il-kuntratt mal-ARPA fuq fondi li l-kunsill ħa minn Miżura 4.4 li titratta dwar demolizzjoni u kostruzzjoni mill-ġdid tal-ħitan tas-sejjieħ.

8.3.3 Is-Sindku qal ukoll li ser jagħmel kuntatt ma’ Ambjent Malta biex il-kunsill ikun jista jikwalifika għall-fondi li huma qed joffru bħala għajnuna lil kunsilli lokali. Huwa qal li dawn il-fondi jistgħu eżempju jintuzaw biex il-kunsill ikun jista jirranġa l-ġnien Ċentru Rikreattiv.

8.3.4.1 Is-Sindku ta update fuq il-fanali li l-kunsill kien approva biex jsiru b’permezz tal-fondi li ġew ffinanzjati lilu mill-Aġenzija LESA. F’dan ir-rigward is-sindku qal li diġa tweħlu żewġ fanali fi żewġ toroq fir-raħal differenti wieħed fi Triq Sant Andrija u l-ieħor fi Triq il-Forn. L-ambjent fejn tweħlu dawn il-fanali nbidel għal wieħed aħjar u aktar imdawwal u għalhekk il-pass li jmiss huwa li l-kunsill ikompli jibdel aktar fanali b’permezz ta’ dawn il-fondi. Is-Sindku qal li issa jmiss jinbidlu l-fanali kollha ta’ Triq il-Knisja kif kien hemm ftehiem li għandu jsir.

8.3.4.2 Is-Sindku tkellem fuq Triq Enejja fejn qal li f’din it-triq ukoll hemm bżonn li jkun hemm dawl aħjar u għalhekk il-kunsill irid jiddeċiedi jekk mhux ser jagħmel fanali ġodda jew inkella jsiru bozoz jew lampi tad-dawl li juru aħjar. Bħalissa hemm fanali antiki li ma tantx juri nfatti t-triq hija waħda mudlama ħafna. Il-kunsill għandu jaħseb fuq x’għandu jsir l-aħjar u jkompli jitkellem fuq dan f’Jannar 2020.

8.3.5 Is-Sindku tkellem fuq il-Ġnien Ċentru Rikreattiv u l-*encrochment* li kellu jsir fuq il-*pitch tal-5 aside* li hemm f’dan il-ġnien. Is-Sindku qal li apparti l-approvazzjoni tal-L*ands Department* il-kunsill kien talab ukoll għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq dan. Riċentament id-direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali wieġeb u laqa t-talba tal-kunsill fejn qal li d-Dipartiment ma jsib l-ebda oġġezzjoni u l-kunsill jista jmexxi mal-*Lands Department* biex jissottometti l-applikazzjoni ta’ *encrochment* għal dan il-*pitch*.

8.3.6 Is-Sindku qal li Meusac informaw lil kunsill li s-sejħa għall-miżura 4.4 li titratta dwar demolizzjoni u kostruzzjoni mill-ġdid tal-ħitan tas-sejjieħ, ser terġa toħroġ għal darb oħra. Huwa qal li din hija aħbar ferm tajba għaliex il-kunsill ikun jista jerġa japplika għal darb oħra u din id-darba l-kunsill għandu japplika biex jiġi rranġat il-ħajt tas-sejjieħ li qed jaqa bilmod Triq Antonio Azzopardi, fl-akwata ta’ Ta’ Senna.

## 8.4 Estimi Finanzjarji għas-Sena 2020

8.4.1 Hawnhekk is-Sindku qal li kif kulħadd jinsab infurmat, wara li tintemm il-laqgħa tal-kunsill ser issir il-laqgħa tal-

lokalita fis-6:00pm. Waqt din il-laqgħa jridu jiġu ppreżentati l-estimi finanzjajri għas-sena 2020 u anke l-kunsill irid jinforma lir-residenti b'xi proġetti li ser jitwettqu.

8.4.2 Is-Sindku spjega kif sa dakinhar tal-laqgħa stess (09.12.19), id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien għadu ma bgħatx iċ-cirkulari tal-allokazzjoni u għalhekk il-kunsill ma jistax ikun jaf eżatti kemm ser ikollu allokazzjoni totali għas-sena 2020.

8.4.3 Is-Sindku nforma lil kunsilliera biex min għandu xi ħsieb li jwettaq xi proġett partikulari għall-benefiċċju tal-lokalita jista jibgħat il-proposta tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv sad-data tas-seduta li jmiss ħalli l-infiq ta' dan il-proġett ikun inkluż fl-estimi finanzjarji għas-sena 2020.

## 8.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

8.5.1.1 <u>Approvazzjoni ta' *tender document* relatat ma' *Demolition* u *Re-construction* tal-Ħitan tas-Sejjieħ</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda dokument ta' tender relatat ma' *Demolition* u *Re-construction* tal-Ħitajn tas- Sejjieħ fi Ħal Lija li ser isiru bil-fondi mgħottija lil kunsill mingħand l-Arpa. Kopja ta' dan it-tender ġiet mibgħutha lil kunsilliera kollha b'permezz ta' imejl. Is-Segretarju Eżekuttiv spejgat kif dan it-tender skond istruzzjonijiet mgħottija minn ARPA li l-kunsill irid ikun konformi magħhom, għandu joħroġ bi *accelerated procedure*, u jidher onlajn għal 15-il ġurnata biss.

8.5.1.2 Il-Kunsill approva li jinħareġ dan it-tender u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat id-dokumenti kollha ta' dan it-tender għall-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kif id-dokumenti jkunu approvati mingħand id-Dipartiment hija għandha ttellaw onlajn fuq is-sistema tal-EPPS.

8.5.2.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni -*Tender* għas-servizz ta' Tindif u Knis</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz ta' tindif u knis. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm ħames offerti b'kollox. Pero l-ewwel żewġ offerti ma kienux *technically complaint* u dan għax il-*bidders* ma tefgħux ċertu dokumenti mitluba u t-tielet offerta kienet maħduma bi kundizzjonijiet prekarji li mhux suppost. Għalhekk miż-żewġ offerti li kien baqa din it-*tender* ġiet mgħottija lil Galea Cleaning Solutions li skond il-bord tal-evalwazzjoni hija l-aktar offerta kemm *technically* u *financially complaint*. Il-Kunsill issa jrid jara biss jekk japrovax dan ir-rapport skond il-finanzi u l-budget allokat li għandu.

8.5.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jiproċedi biex japprova dan ir-rapport biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jibda jtina dan is-servizz kif suppost minn Jannar 2020. Il-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema u jiġi *awarded* fuq is-sistema.

8.5.3.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni -*Tender* għas-servizz ta' *Contracts Manager*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz ta' contracts manager. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm ħames offerti b'kollox li waħda minnhom ġiet *discarded* għax ma kinetx *technically complaint.* Il-Bord tal-evalwazzjoni qed jissuġġerrixi li din it-tender għandha tingħata lil Adrian Mifsud Boom Consultancy and Advisory għax fl-opinjoni tiegħu hija l-aktar offerta kemm *technically* u *financially complaint*.

8.5.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jiproċedi biex japprova dan ir-rapport biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jibda jtina dan is-servizz kif suppost minn Jannar 2020. Il-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema u jiġi *awarded* il-kuntratt.

8.5.4.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni -*Tender* għas-servizz u manutenzzjoni tat-Tabelli u Sinjali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz u manutenzzjoni tat-tabelli u sinjali. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm tlett offerti li kollha kienu *technically* u *financially complaint*. Il-Bord tal-evalwazzjoni qed jissuġġerrixi li din it-tender għandha tingħata lil Road Technologies LTD għax fl-opinjoni tiegħu hija l-aktar offerta kemm technically u financially complaint.

8.5.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jiproċedi biex japprova dan ir-rapport biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jibda jtina dan is-servizz kif suppost minn Jannar 2020. Il-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema u jiġi *awarded* il-kuntratt.

8.5.5.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni -*Tender* għas-servizz ta' Perit</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għas-servizz ta' perit. Hija

spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm sitt offerti li kollha kienu *technically* u *financially complaint*. Il-Bord tal-evalwazzjoni qed jissuġġerrixi li din it-tender għandha tingħata lil MED Developer Designers and Consultants LTD għax fl-opinjoni tiegħu hija l-aktar offerta kemm *technically* u *financially complaint.*

8.5.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jiproċedi biex japprova dan ir-rapport biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jibda jtina dan is-servizz kif suppost minn Jannar 2020. Il-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema u jiġi *awarded* il-kuntratt.

## 8.6 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill wettaq l-istadji kollha li huma mitluba jiġu mħarsa meta tibda proċedura ta' sejħa għall-impjieg, fil-każ tal-kunsill ta' skrivan fuq bażi *part-time* scala 15. Pero peress li l-kunsill baqa' ma sab lil ħadd eliġibbli għal din il-kariga l-kunsill ma jista jagħmel xejn aktar ħlief ikompli jirreklema l-bżonn ta' din il-kariga. Infatti avviż għal din il-kariga kien diġa ħareġ fil-*Government Gazzette* u ssa ġie ppublikat ukoll riċenti fi Times of Malta u jiskadi fi 20 ta' Diċembru, 2019.

## 8.7 Vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

8.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kif kien ġie deċiż fis-seduta li għaddiet u skond il-bżonnijiet klerikali li għandu bżonn il-kunsill fl-uffiċju, il-kunsill kien għamel talba mad-Dipartiment tal-Gvern tal-Lokali biex tingħata l-approvazzjoni u tinħareġ sejħa għal Vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv Scala 13 fuq bażi P/T. L-approvazzjoni għal din it-talba mingħand id-dipartiment ingħatat u l-kunsill ħareġ sejħa nterna għal din il-kariga.

8.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm applikazzjoni waħda mingħand is-Sinjura Pace u għalhelkk għandu jkun hemm qbil fuq data biex formalment isir *interview* mas-sinjura Pace biex jitkompla l-proċess.

8.7.3 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li dan l-*interview* għandu jsir malajr kemm jista jkun u qed jissuġġerixxi li għandu jsir fl-20 ta' Diċembru, 2019 fi 8:15am. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lis-sinjura Pace b'dan. Jekk din id-data hija konvenjenti jew kemm il-darba ma tkunx konvenjenti għas-sinjura Pace, is-Segretarju Eżekuttiv dejjem ser tikkonferma eżatti bil-miktub id-data u l-ħin finali mal-kunsill kollu.

## 8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

8.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 13 li kienet tinkludi l-ammont tal- *Petty Cash* ta' **€177.48** għax-xahar ta' Novembru.

8.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

8.8.3 Wara dan is-Sindku nforma lil kunsill li tpoġġiet *christmas tree* għaż-żmien tal-Milied fiċ-ċentru tal-pjazza kif ukoll ma' xi fustuni tad-dawl dekorattivi fil-ġnub tal-pjazza u din l-ispiża ser tammonta bejn wieħed u ieħor għall- €1,038. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezjoni dwar dan.

## 8.9 Citrus Festival 2020

8.9.1 Is-Sindku qal li huwa ċempel fl-uffiċju tal-president biex jikkonferma meta ser jagħmlu l-festival taċ-ċitru tagħhom għas-sena 2020, iżda data konfermata għadt m'għandhomx.

8.9.2 Is-Sindku qed jissuġġerixxi biex il-kunsill lokali jorganizza l-festival taċ-ċitru tiegħu għall-ewwel *weekend* ta' Frar 2020. Is-Sur Dalli żied jgħid li huwa qed jiġbor lista ta' x'jista jiġi organizzat waqt dan il-festival u anke tal-opinjoni li l-kunsill jerġa jsaqsi lil dawk il-persuni kollha li dejjem ħadu sehem fil-festivals tas-snin ta' qabel jekk jixtiequx jerġgħu jipparteċipaw. Għandha anke tingħata l-opportunita lil għaqdiet kollha biex jieħdu sehem f'dan il-festival.

8.9.3 Is-Sindku qal li jekk it-triq ma tkunx magħluqa minħabba x-xogħlijiet li għandhom isiru minn Infrastructure Malta, il-festival taċ-ċitru jista jsir fi Triq Sir Ugo Mifsud minn fejn is-sorijiet sa Triq is-Salvatur. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li f'każ li t-triq tkun magħluqa l-kunsill jista jikkunsidra jagħmel din l-attivita fejn hemm is-Salvatur il-Qadim.

8.9.4 Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan u aktar informazzjoni/deċiżjonijiet rigward il-preparazjonijiet għal

festival taċ-ċitru għas-sena 2020 ser jingħataw aktar il-quddiem.

## 8.10 It-Traffiku fi Triq Annibale Preca u t-Toroq tal-madwar

8.10.1 Is-Sindku ta update żgħir fuq il-problema tat-traffiku fi Triq Annibale Preca u t-toroq tal-madwar. Huwa qal li wara l-aħħar l-*meeting* li kien sar mal-kunsill ta' Ħ'Attard, irriżulta li l-kunsill lokali ta' Ħal Lija ser ikollu jagħmel xi *traffic counts* fi triq Annibale Preca u t-toroq tal-madwar u dan qabel ma jkun hemm approvazzjoni biex it-triq issir *one-way* f'ċertu ħinijiet. Infatti il-kunsill talab għall-għajnuna u l-gwida ta' Profs. Maria Attard rigward dan u Profs. Maria Attard bgħatet kwotazzjoni ta' kemm ser jiswew dawn it-*traffic counts.* L-ispiża ser tkun ta' €4,520.

8.10.2 Is-Sindku qal li huwa issa ser jagħmel appuntament mas-Sur Mario Fava, il-president tal-Assoċjazzjoni tal-kunsilli Lokali u s-Sur Cohen ta' Transport Malta u ser jurihom *x'traffic counts* ġie mitlub jagħmel il-kunsill ta' Ħal Lija mill-kunsill Lokali ta' Ħ'Attard flimkien ma l-ammont tal-ispiża totali li ser jiswew dawn il-*counts.*

8.10.3 Is-Sindku ser jitħadded mas-Sur Fava u s-Sur Cohen fejn jgħidilom li l-kunsill mhux lest jonfoq din l-ispiża diment li ma jkollux xi tip ta' konferma jew ħjiel li t-talba tiegħu li t-triq tiġi one-way, hemm ċans li finalment tiġi milqugħha. Mhux sew li l-kunsill jiproċedi b'din l-ispiża meta m'għandhux garanzija assoluta jekk t-talba tiegħu finalment ser tiġi approvata jew le.

8.10.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li tajjeb ukoll jekk is-Sur Cohen jista jikkonferma meta ser issir u jitwettaq il-proġett tac-central link għax b'dan il-proġett Ħal Lija waħda mill-lokalitajiet li ser tkun affetwatha.

8.10.5 Is-Sindku qal li din il-problema tat-traffiku hija responsabbilta ta' Transport Malta għax finalment Transport Malta hija fl-obbligu li tati permess lil kunsill biex Triq Annibale Preca tiġi *one-way*. Il-Kunsill kollu hawnhekk qabel biex Transport Malta anke tgħin billi tħallas hija l-ispiża tat-*traffic counts* jew imqarr tħallas nofsha.

8.10.6 Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sindku, f'isem il-kunsill, għandu jagħmel meeting mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Transport Malta. Wara li jsir dan is-Sindku għandu jerġa jinfurma lil kunsill bir-riżultat ta' dan il-*meeting*.

## 8.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.11.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kienx hemm.

## 8.12 Korrispondenza

8.12.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xix titratta korrispondenza nru 2144/19. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif resident ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li hemm ħajt tas-sejjieħ fi Triq Annibale Preca li fl-opinjoni tiegħu huwa perikoluż u aħjar jitranġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħajt li qed jirreferi għalih dan ir-resident huwa wieħed privat u għalhekk huwa responsabbilta tas-sid biex jirranġah. Il-kunsill kull ma jista jagħmel huwa li jinforma lis-sid, diment li jkun jaf ta min huwa l -ħajt. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lis-segretarju eżekuttiv bl-isem tas-sid u għalhekk issa s-Segretarju Eżekuttiv tista tiġbed l-attenzjoni tas-sid biex jirranġa l-ħajt.

8.12.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xix titratta korrispondenza nru 2162/19 bl-isem 'upper part of Ħal Bordi str'. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkonferma eżatt dwar xix titratta din il-korrispondenza u tinforma lil kunsill b'dan.

8.12.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia talbet biex tkun taf x'inhi korrispondenza nru 2172/19 'Ringrazzjament'. Fuq din il-korrispondenza s-Segretarju Eżekuttiv ukoll ser tiċċekja u tinforma lil kunsill b'dan.

8.12.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf kif bqajna fuq korrispondenza nru 2178/19 li titratta dwar it-talba li l-kunsill ressaq ma' Transport Malta fuq *road hump* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sindku nfurma lis-sinjorina Farrugia li dik it-talba ma ġietx milqugħa minn transport malta fil-parti tat-triq li qed jitlob li issir il-kunsill. Apparti dan Transport Malta qed jissuġġerixxi li jekk il-kunsill għandu nteress din jista jagħmilha ħdejn iz-*zebra crossing*.

8.12.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia riedet tkun taf fuq xix titratta korrispondenza nru 2183/19 bl-isem 'complain on street'. Is-Sindku nfurmaha li dik kienet imejl li irċieva l-kunsill mingħand resident biex jilmenta fuq ix-xogħlijiet li qed isiru tal-istorm water culvert.

8.12.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet ukoll fuq korrispondenza nru 2189/19 – *Studio opening hours*. Is-sindku nfurmaha li l-*owner* ta’ *Seed dance studio* qed jitlob *keep clear* quddiem l-entratura waqt li jkunu qed isiru l-lezjonijiet tal-izfin. Dan minħabba s-sigurta tat-tfal u biex jekk Alla jhares qatt jinqala każ ta’ nar it-tfal u kull min ikun fil-binja jkunu jistgħu joħorġu jiġru mingħajr ma jsibu karozza tostakula l-entratura. Is-Sindku qal li huwa talab lis-sid ta’ *dance studio* biex jiprovdi dan bil-miktub billi jtina kopja tar-rapport li huwa għandu mingħand il-*health and safety officer* tiegħu bħala evidenza ta’ dan. Il-Kunsill umbagħad għandu jitlob l-approvazzjoni ta’ *keep clear* mingħand Transport Malta.

8.12.7 Is-Sur Joseph Zahra xtaq ikun jaf fuq xix titratta korrispondenza nru 2199/19 bl-isem ‘Siġill tal kunsill lokali-Ħal lija’. Is-Sindku qal li suppost f’kull kunsill lokali għandu jkun hemm siġill li f’Ħal Lija dan is-siġill m’hawnx u jidher li qisu qatt ma kien hemm. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lid-dipartiment tal-gvern lokali minn fejn il-kunsill jista jakwista siġill ġdid u hija ġiet infurmatha li dan irid jinxtara. Apparti dan is-sindku qal li l-quddiem il-kunsill anke jrid jaħseb biex jixtri *safe*.

8.12.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xix titratta korrispondenza nru 2250/19 bit-titlu ‘*work placement*’. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Aġenzija Żgħażagħ avviċinat lil kunsill fejn qed titlob biex wieħed mill-istudenti tagħhom jagħmel il-*work placement* tiegħu fil-kunsill ta’ Ħal Lija għax dik hija x-xewqa tiegħu. L-aġenzija nfurmat lil kunsill li huwa mhux ser ikun qed jħallas lill-istudent tal-*placement* li jagħmel u l-perjodu tal-*work placement* huwa mis-6 ta’ Jannar 2020 sa l-aħħar ta’ Marzu 2020. Kemm is-sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li huma ltaqgħaw ma’ dan il-ġuvni li qed jagħmel din it-talba u aċċettaw il-proposta tiegħu.

8.12.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 2258/19 li kienet titratta fuq imejl li intbgħatet minn Infrastructure Malta dwar it-toroq li huma ser jagħmlu lil kunsill fosthom Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Annibale Preca u Triq is-Salvatur. Is-Sindku qal li b’permezz ta’ din l-imejl il-kunsill ingħata l-pjanti li jindikaw minn fejn sa fejn ser isir it-*tarmac* mill-ġdid u kif ukoll kif ser ikun *diverted* it-traffiku sakemm ikunu qed isiru x-xogħlijiet.

## 8.13 Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

8.13.1.1 <u>Approvazzjoni tal-Applikazzjoni tas-Sistema tal-Irrigazzjoni mid-Dipartiment</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li l-applikazzjoni tas- Sistema ta’ rrigazzjoni ġiet approvatha mid-dipartiment. Hija żiedet tgħid li għal dan il-proġett il-kunsill irid jħallas 15% u id-dipartiment tagħna fond ta’ €5,756.86. Il-proġett irid jitwettaq sa April 2020.

8.13.2.1 <u>Kors ta’ *Health and Safety Representative*</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li skond regolamenti li għandhom x’jaqsmu ma’ *health and safety* idealment li fil-kunsill ikun hemm *health and safety representative*. Hija qalet li meta kienet għadha uffiċjal eżekuttiv hija attendiet għal kors ta’ *health and safety Representative* u għalhekk hija propja hija l-persuna fil-kunsill li bħalissa għandha dan l-irwol. Pero diment li s-Sinjorina Borg issa għandha l-kariga ta’ Segretarju Eżekuttiv hija ma tistax tibqa *health and safety representative*. Il-*health and safety representative* ma jistax ikun is-segretarju Eżekuttiv u anzi jrid ikun persuna li jiġbed l-attenzjoni tas-segretarju eżekuttiv fuq ċertu affarijiet li fl-uffiċju jridu jkunu konformi mar-regoli tal-*health and safety*.

8.13.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija diġa għamlet kuntatt ma’ OHSA biex tara kemm jiswa dan il-kors. Kors ta’ *health and safety represenitive* jiswa €110 inkluż il-VAT u b’kollox huwa twil 16 il-siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tal-kunsill biex tintbgħat waħda mill-iskrivani għal dan il-kors.

8.13.2.3 Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan.

8.13.3.1 <u>Approvazzjoni tal-Għeluq tal-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-kunsilliera biex nhar is-Sibt 21 ta’ Diċembru 2019 kif ukoll nhar is-Sibt 28 ta’ Diċembru 2019, l-uffiċju amministrattiv ma jinfetaħx għall-pubbliku.

8.13.3.2 Il-Kunsill unanimament qabel fuq dan.

8.13.4.1 <u>Imejl mibgħutha mir-Reġjun Ċentru bl-isem ‘Talba għall-opinjoni tal-Kunsilli dwar Direttiva 5/2019’</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda imejl mibgħutha mir-Reġjun Ċentru li titratta dwar Direttiva 5/2019 u diversi argumenti li ġew imressqa waqt laqgħa tar-Reġjun Ċentru fuq funzjoni (a) ta’ din id-direttiva. Kopja ta’ din l-imejl intbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din l-imejl lil kunsilliera

u talbithom biex jgħaddu l-kummenti tagħhom fuq dak li qrat.

8.13.4.2 Wara d-diskussjoni li saret bejn il-kunsilliera fuq funzjoni (a) ta' direttiva 5/2019 li tgħid ''il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti għas-servizz lill-Kunsilli Lokali fi ħdanhom tal-imaniġġjatr tal-iskart u dan għandu jidħol fis-seħħ b'effett mis-2022, u dan bla ħsara għall-funzjonijiet tal-kunsilli lokali skont l-Artiklu 33 (1)(b)'', il-kunsill b'mod unanimu iddeċieda li għandha tintbgħat risposta lir-Reġjun Ċentru fejn tgħid li l-kunsill Lokali ta' Ħal Lija ma jaqbilx ma' din il-funzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt mar-Reġjun Ċentru fuq dan.

8.13.5.1 <u>Problema ta' Għargħar fi Triq G.Cali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'parti minn Triq G.Cali hemm problema ta' għargħar u r-residenta li qed tirraporta dan anke għamlet kuntatt u ltaqgħet mas-sindku biex forsi tinstab soluzzjoni dwar din il-problema ta' dan l-għargħar. Is-Sindku qal li din il-każ ilu għaddej minn 2015.

8.13.5.2 Is-Sindku tal-parir li jiltaqgħu fuq il-post il-perit ta' din ir-residenta u l-perit tal-kunsill biex it-tnejn li huma flimkien jiġu fi kompromess ta' x'jista jsir biex tissolva din il-problema darb għal dejjem. Wara dan il-kunsill jerġa jiltaqgħa waqt laqgħa biex jiddiskuti kif ser jiproċedi u anke jikkunsidra l-ispejjeż li hemm.

8.13.5.3 Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

8.13.6.1 <u>Stima għal tranġar tal-bankina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq R.Mifsud Bonniċi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda stima ta' kemm ser tiswa parti mill-bankina mkissra li hemm fit-tarf ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq R.Mifsud Bonniċi biex tiġi rranġatha. Din l-ispiża ser tammonta għal €300 bil-materjal b'kollox.

8.13.6.2 Il-Kunsill unanimament approva din l-ispiża u għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur biex din titranġa.

8.13.7.1 <u>Talba fi Triq il-Knisja</u>
Sinjur jixtieq li fi Triq il-Knisja fejn hemm il-hump bl-irħam isir xi ħaġa, bħal eżempju tinbarax il-hump jew tinqala biex in-nies ma jibqawx jiżolqu.

8.13.7.2 Is-Sindku qal li fi Triq il-knisja hemm parti mit-triq bit-*tarmac* u parti oħra bl-irħam. Huwa tal-parir li l-kunsill iġib lil xi ħadd li l-parti tal-irħam jista jagħmilha scarifying ħalli ma tibqax tiżloq. Is-Sur Daniel Mallia qal li mhux l-irħam biss għandu jiġi rranġat imma anke l-istat tat-*tarmac* għax mhux wieħed sew.

8.13.7.3 Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jsib kuntrattur biex isir xi ħaġa fiż-żewġ partijiet tat-triq.

8.13.8.1 <u>Talba għal bankina u rampa fi Triq Mikielanġ Borg</u>
Sinjura qed titlob li ssir il-bankina ta' quddiem id-dar u r-rampa dan biex ikun possibli li r-raġel tagħha jkollu aċċess kemm biex joħroġ barra u kemm biex jidħol id-dar bil-*wheelchair*.

8.13.8.2 Is-Sindku qal li din is-sinjura vera għandha raġun u l-kunsill unanimament approva li ssir din ir-rampa jew xi ħaġa neċessarja biex lil din is-sinjura ngħinuha.

8.13.9.1 <u>Talba għal tlett *bollards* fi Triq Ġeraldu Azzopardi</u>
Residenta li toqgħod fi Triq Ġeraldu Azzopardi tixtieq tressaq talba lil Kunsill Lokali biex isiru xi tlett *bollards* fuq il-bankina. Din ir-residenta kelmet anke lis-sindku.

8.13.9.2 Is-Sindku qal li fi Triq Ġeraldu Azzopardi hemm garaxx fil-kantuniera li kif jitilgħu l-karozzi minnu u jduru dawn qed jitilgħu fuq il-bankina. Is-Sindku qal li biex issir bollard fuq il-bankina il-kunsill irrid jitlob għall-approvazzjoni ta' Transport Malta u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li aktarx li Transport Malta mhux ser taprova din it-talba speċjalment meta il-*bollard* tista tkun ta *obstruction* fuq il-bankina. Il-kunsill unaniment qabel li l-aħjar nitolbu għal parir u l-approvazzjoni ta' Transport Malta għal *bollard* waħda u jimxi fuq dak li tgħidlu Transport Malta.

8.13.10.1 <u>Talba għal *double yellow lines* fi Triq Annibale Preca</u>
Residenta tixtieq terġa tressaq talba lil Kunsill biex isiru *double yellow lines* mal-ġnub ta' l-entratura ta' *drive-in* tagħha fi Triq Annibale Preca.

8.13.10.2 Is-Sindku qal li fuq din it-talba għandu jmur fuq il-post ħalli jara eżatt x'qed titlob din ir-residenta.

8.13.11.1 <u>Talba biex it-Triq ta' Sejduna tiġi *one-way*</u>

Sinjur li joqgħod fi Sqaq ta' Sejduna Ħal Lija, jixtieq li t-triq ta' Sejduna ssir *one-way* u urġenti. Kif ukoll Sinjur ieħor ġie l-Kunsill biex Sqaq ta' Sejduna jiġi *one-way* għax ma jistax ikun jibqaw jiġġieldu man-nies kull darba għax it-triq dejqa ħafna. Fil-leġislatura ta' qabel din it-talba diġa kienet ġiet imressqa pero peress li kien hemm aktar nies kontra il-*one-way* milli favur ma kien sar xejn.

8.13.11.2 Is-Sinjura Lorraine Farrugia qalet li fl-lokalitajiet oħra bħal Għargħur fejn hemm toroq ħdejn l-għelieqi li huma two-way u dojoq saru *traffic lights* u line abjad ma-lart fuq iż-żewġ naħat biex il-karozzi faċilment jiefqu u ma jkunx hemm problem jew ċans ta xi ħabta. Hija qalet li jekk il-kunsill irid jgħin bis-sitwazzjoni tat-triq ta' Sejduna missu jikkunsidra jagħmel xi ħaġa simili.

8.13.11.3 Is-Sindku qal li l-ewwelnett struttura bħal din tat-*traffic lights* mhux b'xejn u tqum ħafna flus. Barra minn hekk il-kunsill ma jridx jiġri fid-deċiżjoni tiegħu għaliex Transport Malta milli jidher għandha ħsieb biex din it-triq teqlibha fi *one-way* hija stess għaliex tixtieq li din it-triq tkun inkluża fil-proġett '*share the road*' u fiha jkolla *bicycle lane*. Infatti s-sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa tikkuntatja lil Transport Malta u tistaqsi dwar dan u jekk għadhix bil-ħsieb li teqleb din it-triq *one-way* u tinkludiha fil-proġett 'share the road'.

8.13.11.4 Il-Kunsill għandu dritt ikun infurmat b'kull tip ta' pjan jew ħsieb li għandha Transport Malta speċjalment fi toroq li jaqaw taħt ir-responsabbilta tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb dan u lir-residenti għandna ngħidulhom li l-kunsill għadu qed jikkonsulta dwar it-talba tagħhom.

8.13.12.1 <u>Talba għal *double yellow lines* fi Triq Ġużeppi Portelli</u>

Sinjur jixtieq jagħmel talba lil Kunsill Lokali biex isiru 1 *mtr double yellow lines* fuq wieħed mill-ġnub tal-garaxx tiegħu li jinsab fi Triq Ġużeppi Portelli. Naħa minnhom diġa hemm *double yellow lines* u s-sinjur irid li jsiru wkoll man-naħa l-oħra għax qiegħed ikun impossibli biex joħroġ mill-garaxx.

8.13.12.2 Is-sindku qal li fuq din it-talba ser jagħmel kuntatt mar-resident biex jara jekk huwa kkonsultatx dwar dan mas-sid tal-garaxx ta' ma' ġenbu u jekk dan kieku jsibx xi oġġezzjoni li jsiru *double yellow lines*.

8.13.13.1 <u>Talba biex terġa ssir mera fi Triq il-Kunċizzjoni</u>

Sinjur jixtieq li terġa ssir il-mera li nkissret ħdejn il-Knisja tal-Kunċiżżjoni Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera li kien hemm tneħħiet għax waqgħet u nkissret u ma reġgħatx saret għaliex esaċċ ma kellix użu.

8.13.13.2 Il-Kunsill unanimament approva li din il-mera terġa tiġi ordnata u titweħħel mill-ġdid.

## 8.14 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

8.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li riċentament ma kienx hemm applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar ġodda alarmanti.

## 8.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.15.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

8.15.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lis-sindku li kif ġie deċiż f'waħda mis-seduta preċedenti, hija għamlet *siteplan* tal-bozoz ġodda li huma ideali jsiru fejn iċ-ċimiterju tal-Abbati. Din is-*siteplan* hija bgħattiha lil waħda mill-iskrivani biex jgħadduha għall-attenzjoni tas-sindku.

8.15.3 Is-Sindku ndirizza lil kunsill fejn qal li avviċinah xi resident u qallu li fl-akwata ta' Ħalmann tweħlu xi tabelli bl-ismijiet tat-toroq ħżiena. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija nfatti kienet għamlet kuntatt mal-uffiċju biex tinfurmahom b'dan u spjegat ukoll fejn eżattament iridu jitweħlu l-ismijiet tat-toroq. Pero Hija qalet li min dakinhar li ċemplet kollox baqa l-istess. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltilha li l-għada stess meta ċemplet, il-ħaddiema kienu ntbgħatu fuq il-post biex jagħmlu t-tibdil neċessarju tal-ismijiet tat-toroq, sa anke twaħħlu xi karti temporanji bl-ismijiet tat-toroq sakemm dawn jiġu ordnati fuq il-plakek. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa tiċċekja u tikkonferma x'sar eżattament fuq dan.

8.15.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia rrimarkat li d-dati ta' meta fihom ser issir il-kors tal-*first aid* għall-għaqdiet issa huma uffiċjali kif ukoll il-ħinijiet u hija ġabet l-approvazzjoni mingħand il-kappillan biex dan il-kors isir fis-Sala ta' Villa Lia. Dan minħabba li l-*lecturer* għandu bżonn *projector*. Għal dan il-kors ser jingħata ċertifikat lil kull min jattendi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din hija xi ħaġa ilha kkonfermatha, u tant hu hekk li l-għaqdiet kollha diġa ġew infurmati b'dan il-kors b'permezz ta' avviż.

8.15.5 Is-Sur Joseph Zahra ġibed l-attenzjoni li fi Triq Daniel Sammut kantuniera ma' Triq G.Barbara fejn qed tinbena l-blokka kbira ta' appartamenti, hemm kanal miftuħ kbir li jista jkun ta' periklu kemm għan-nies u għall-karozzi li jgħaddu minn hemm speċjalment fid-dlam. Is-Segretarju Eżekuttiv ser issib min huwa l-kuntrattur ikkonċernat u tkelmu biex jagħlaq dan il-kanal.

8.15.6 Is-Sur Joseph Zahra qal li avviċinawh xi nies li qed jissuspettaw li fl-akwata ta' Ta' Senna hemm xi ħadd li qabad u qala ċint tas-sejjieħ u anke qed jibni ġibja llegali, bla permess. Huwa għandu jibgħat ir-ritratti ta' dan lis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal biex jekk hemm xi ħaġa llegali għandu jsir rapport mal-għassa.

8.15.7 Qabel intemmet il-laqgħa s-Sindku awgura lil kunsilliera, lis-segretarju eżekuttiv, l-istaff kollu u l-ħaddiema tal-kunsill bil-familji kollha tagħhom, kif ukoll lir-residenti kollha ta' Ħal Lija; il-Millied it-tajjeb u sena ġdida mimlija risq.

8.15.8 Il-laqgħa ntemmet fil-5:15pm.

8.15.9 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 08 ta' Jannar, 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex issir fl-4:00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 08 ta' Jannar, 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |